**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Diċembru 2015* *Nru: 391*

Għeżież aħwa, il-Mulej jagħtikom is-sliem!
Ta' sikwit inħossu l-ħtieġa li jkollna waqtiet speċjali f'ħajjitna biex fihom naqtgħu mill-ħajja ta' kuljum u niċċelebraw dak li hu sabiħ fil-ħajja tagħna u ta' dawk ta' madwarna.
Għal din ir-raġuni matul is-sena li ġejja l-Knisja sa tkun qed tiċċelebra Ġublew tal-Ħniena; żmien li fih niskopru aktar l-imħabba ħanina ta' Alla Missierna u nersqu lejh b'fiduċja.




F'dan ix-xahar li fih niċċelebraw l-Avvent u l-Milied, il-Ħniena t'Alla tidher fostna fil-persuna ta' Ġesù li jinsab qrib tagħna. Alla għażel li jkun qrib tagħna billi jsir wieħed minna u jagħmel esperjenza tal-ferħ u n-niket tagħna, tal-ġid u d-dgħufija tal-bnedmin.
Il-Ħniena ta' Alla li tidher fil-wiċċ ta' Ġesù ma tridx tħallina fejn aħna. Il-laqgħa ta' ħbiberija tagħna miegħu trid timlilna qalbna bil-ferħ u tgħallimna naqsmu l-imħabba tiegħu ma' ħutna.
Dan l-avvent qed isejjħilna biex fuq l-eżempju ta' Ġesù li sar wieħed minna aħna wkoll inkunu Ħanina bħall-Missier.

*P. Christian A. Borg OFM Conv.*
*Amministratur Parrokkjali*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Irrid insir nemla!

Darba kien hemm tfajjel għani. Kellu kull ma jixtieq. Imma l-hena tiegħu kienet rokna fil-ġnien. Hemm kien iqatta' l-ħin tiegħu, jiggosta bejta nemel. Kien jagħrafhom waħda waħda u wieħed wieħed tant li kien għażlilhom isem kull wieħed. Kien ikellimhom b'tenerezza kbira. In-nemel, mill-banda l-oħra, kienu jibqgħu għaddejjin fuq xogħolhom u qajla kienu jagħtu kas tat-tfajjel jitgħaxxaq bihom. Jum wieħed isib il-bejta mħarbta bin-nemel konfużi jiġru 'l hemm u 'l hawn. It-tfajjel tant sewwed qalbu. X'jaqbad jagħmel biex jgħinhom? Kien wasal għeluq sninu. Missieru xtaq jagħtih rigal speċjali. "Ħaġa waħda nitolbok" wieġeb it-tfajjel: "li tagħmilni nemlu. B'hekk biss nista' nifhem x'qegħdin iħossu, b'hekk biss nista' nirranġalhom is-sitwazzjoni kerha li jinsabu fiha, b'hekk biss jifhmu kemm inħobbhom u kemm nitħassarhom!"

Bla dubju wieħed mill-isbaħ versi fil-Bibbja hu dan: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem". *(Ġwanni 3, 16)*
Alla sar laħam. Il-ħniena kbira tiegħu dehret b'mod tassew qawwi fit-tlaħħim tiegħu. Alla sar tarbija li twieldet f'familja, tarbija li tidħak u tibki, li jaqbadha l-għatx u l-ġuħ, li twerżaq bl-uġigħ, tarbija li saret tfajjel li tgħallem ix-xogħol ta' mastrudaxxa, li qagħad għall-awtorità tal-ġenituri tiegħu, li kien jiċċajta u jifraħ, li kien jgħejja u jħossu ħażin, li kien ikun imdejjaq u mħasseb u mbeżża'. Tabilħaqq Alla żarna, u kif! Żarna mill-qrib. Qalbu xegħlet u qabdet bil-ħniena lejna. Ħass f'qalbu t-tbatija tiegħi u tiegħek. Għandu kompassjoni tremenda lejja fit-tbatijiet kollha tiegħi. Tabilħaqq il-ħniena tiegħu wasslitu biex jagħti dak kollu li seta' jagħti: lilu nnifsu. Tabilħaqq Alla ftaqar, biex bil-faqar tiegħu insiru sinjuri aħna! *(2 Kor 8-9)*

## Christmas Breakfast

*wara l-quddiesa tal-lejl tal-Milied*

Il-kumitat tal-Festa sa jerġa' jorganizza din l-attività b'għażla kbira ta' ikel biex nibdew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied flimkien bħala familja parrokkjali.

Tista' tirriserva l-post tiegħek: fis-sagristija, billi tkellem lill-membri tal-Kumitat jew fuq in-numri telefoniċi: 77622275 / 99257257

*PREZZ:* **€ 10**

*tfal sa 12-il sena* **€ 5**

## Talb Komunitarju

San Franġisk iħeġġeġ lill-patrijiet tiegħu biex ikunu dejjem magħqudin ma' Alla b'mod li ħajjithom stess issir talba kontinwa. Meta aħna nitolbu nkunu qegħdin insaħħu l-għaqda tal-Knisja għaliex ninġabru flimkien ma' ħutna li jinsabu bogħod minna u mal-qaddisin fis-sema biex infaħħru lil Alla.

Il-Komunità tal-patrijiet fil-parroċċa tagħna tinġabar flimkien għat-talb f'dawn il-ħinijiet: 6:45am, 3:15pm u 6:45pm.

Nixtiequ nistednukom biex wara l-quddiesa ta' filgħaxija tingħaqdu magħna għat-talb ta' filgħaxija (imsejjaħ Għasar) li jdum madwar kwarta.



## Attivitajiet ta' kull ġimgħa ...



*Kull nhar ta' Tlieta bejn id-9am u nofsinhar ikun hemm l-**adorazzjoni ewkaristika** fil-kappella taċ-Ċentru Parrokkjali u nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir l-Adorazzjoni Ewkaristika komunitarja.*




*Nhar ta' Tlieta fid-9am jiltaqa' l-**Leġjun ta' Marija** fil-Librerija Parrokkjali.*
*Nhar ta' Erbgħa fl-4.30pm jiltaqa' l-praesidium tat-tfal tal-Leġjun ta' Marija.*



*Nhar ta' Ġimgħa jiltaqgħu l-**adolexxenti u żgħażagħ** fiċ-Ċentru Parrokkjali mis-7.15pm 'il quddiem. Ikun hemm ħin għal laqgħat ta' formazzjoni u diskussjoni u ħin għal-logħob.*



*Kull nhar ta' Sibt fit-3pm issir il-laqgħa tal-**abbatini** fil-Knisja. Is-servizz tagħhom jgħin lill-komunità kollha biex ikollna ċelebrazzjonijiet liturġiċi aktar ħajjin u li jixirqu lill-misteru li niċċelebraw. Għal aktar tagħrif ċempel 77622275.*






*Nhar ta' Ħadd fil-5pm jiltaqa' l-**kor** tat-tfal u ż-żgħażagħ għall-provi u tagħlim tal-kant liturġiku. Bħalissa qed nippreparaw għall-Milied. Inħeġġu lit-tfal kollha jieħdu sehem!!!*

## PAĠNA GĦAT-TFAL

Agħti l-kulur lil din l-istampa u ikteb ittra qasira lil Ġesù tarbija. Meta tkun lest ibgħatha lill-kappillan u hu jieħu ħsieb iwassalha lil Ġesù. Min jikteb l-isbaħ ittra sal-15 ta' Diċembru jirċievi rigal xieraq.
*(Fid-djar fejn hemm aktar tfal tisgħu tagħmlu kopji kemm tridu ta' din il-faċċata).*



Għażiż Ġesù, ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

Isem u Indirizz: ______________________________

# Ċentru Parrokkjali Sant'Antnin

Iċ-Ċentru Parrokkjali, wara l-Knisja, huwa t-tieni d-dar tal-familja parrokkjali għaliex fih isiru attivitajiet ta' formazzjoni u attivitajiet soċjali oħra. Fis-snin li għaddew diġà sar ħafna xogħol fuq dan il-bini, iżda issa jeħtieġ li nkomplu dak li bdejna snin ilu biex dan il-post ikun sabiħ biex jilqagħna u fl-istess ħin ikun konformi man-normi ta' sigurtà li dejjem jiżdiedu.

Matul ix-xahar li għadda beda x-xogħol ta' tisbieħ fuq il-kamra li fiha qed isiru laqgħat għal gruppi żgħar bħall-katekeżi bi tħejjija għall-Griżma u l-grupp taż-żgħażagħ. Inxtrat xi għamara u żebgħa u qed nirranġaw sett pultruni li kienu ntagħaw lill-parroċċa minn lukanda. L-ispiża ta' dan ix-xogħol sa tkun qrib il-€200.

Barra minn hekk sar *survey* dwar is-sinjali ta' sigurtà, fire extinguishers u l-kaxxa tal-ewwel għajnuna li għad iridu jsiru biex il-post ikun skont l-istandards attwali. Għandna f'idejna stima ta' madwar €400.

Dan ix-xogħol ma jkunx jista' jitkompla mingħajr il-ġenerożità tagħkom u għalhekk nitolbukom biex, min jista', jgħin b'xi għotja żgħira jew b'xi xogħol volontarju biex mill-aktar fis inkunu nistgħu nkomplu x-xogħol li nbeda u naraw iċ-Ċentru mgħammar kif jixraq.

Fix-xhur li ġejjin jingħata rendikont tax-xogħol u l-ispejjeż li jkunu saru. Min jixtieq jgħin jista' jibgħat l-għotja flimkien ma' din il-paġna jew ikellem lill-kappillan dwar xi għajnuna oħra li jista' joffri.

Jiena ______________________ nixtieq nagħti d-donazzjoni

ta' €______ għax-xogħol li qed isir fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Indirizz: ________________________________________________

______________

Firma

## Irtir tal-Avvent

Nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru sa jsir l-irtir tal-Avvent fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn id-9.30am u nofsinhar. Dan l-irtir sa jitmexxa minn P. Thomas Calleja OFM Conv. u jkun jinkludi l-quddiesa. Sa jieħdu sehem ukoll il-parroċċi ta' San Pawl il-Baħar u l-Qawra. Nieħdu din l-opportunità biex nieqfu u nħejju ruħna għall-miġja ta' Ġesù li ġej fostna.

## Il-familja tagħna

Matul ix-xahar li għadda l-familja parrokkjali kibret għaliex ilqajna fostna lil Karly Sammut li rċeviet is-sagrament tal-magħmudija fil-21 ta' Novembru. Nieħdu ħsieb lil din oħtna u nitolbu għaliha biex tkompli tikber fis-snin, fl-għerf u fil-grazzja.

---

Minn qalbna nawgurawlkom
Milied qaddis
mimli bl-imħabba u l-paċi ta' Ġesù
u sena ġdida
b'kull barka u ġid mill-Mulej!



## Kalendarju – Diċembru 2015

**3** Velja ta' talb bi tħejjija għall-beatifikazzjoni ta' żewġ patrijiet Franġiskani Martri fil-Parroċċa tal-Qawra fis-7pm.

**5** Tkun miftuħa l-Librerija taċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-10am u nofsinhar.

**5** L-ewwel sibt tax-xahar: Issir siegħa Adorazzjoni Ewkaristika qabel il-quddiesa tas-6.15pm.

**5-6** Bazaar tal-Milied fil-*crying room* tal-Knisja.

**6** Irtir tal-Avvent fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**8** Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Rużarju mmeditat fil-5.30pm u quddiesa solenni fis-6.15pm.

**13** Ċelebrazzjoni djoċesana tal-ftuħ tal-Ġublew tal-Ħniena. Dettalji aktar 'il quddiem.

**15** Tibda n-Novena tal-Milied. Niċċelebrawha kuljum fil-quddiesa ta' filgħaxija sat-23 ta' Diċembru.

**22** Wara l-quddiesa tas-6.15pm issir il-purċissjoni bil-Bambin u wara jitqassmu rigali lit-tfal li jattendu għall-katekeżi fil-parroċċa.

**24** Lejlet il-Milied. Fil-11pm tibda Velja li fiha ssir il-prietka tat-tifel u f'12am tibda l-quddiesa solenni ta' nofs il-lejl.

**25** Wara l-quddiesa ta' bil-lejl isir *breakfast* fiċ-Ċentru. Il-quddies ikun bħal tal-Ħadd.

**26** Festa tal-Familja mqaddsa. Il-quddiesa tas-6.15pm tkun speċjali għall-familji.

**31** Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla għas-sena 2015 bil-kant tat-*Te Deum* fis-6.15pm